MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 682/2002/1

**A. Gatt Trading Ltd**

**vs**

**Summit Catering Service Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici l-ammont ta' erbat elef u zewg liri Maltin (Lm4,002.00) rapprezentanti l-bejgh ta' magna tal-gelati liema magna giet ikkonsenjata u l-hlas ghadu ma sarx minkejja li kien interpellat.

Bl-ispejjes.  Is-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici stante li l-ammont mhuwiex dovut.  Skond l-iskrittura privata datata l-15 ta’ Dicembru 2001, il-magna tal-gelati giet ikkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta fuq il-kondizzjoni illi tinzamm ghal trial period sal-15 ta’ Marzu 2002. Wara din id-data, skond il-ftehim, il-magna kellha tigi rritornata jew inkella, jekk tinzamm isir il-bejgh taghha bil-hire-purchase. Il-kumpanija attrici giet interpellata mis-socjeta’ konvenuta qabel il-15 ta’ Marzu 2002 biex tiehu din il-magna lura izda din qatt ma ngabret.
2. Illi l-ftehim biex tinbiegh il-magna kien sogget ghal kondizzjoni rizoluttiva illi jsir kuntratt tal-hire-purchase bejn il-partijiet.  Billi dan qatt ma sar, il-bejgh qatt ma sehh.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Renato Attard (fol 13 u fol 22 et seq ibid) jsostni illi s-socjeta attrici li taghha hu direttur kienet ftehmet ma Claudio Tallarini li kien ix-‘chef’ esekuttiv tar-restaurant’ bl-isem ‘Il Bucintoro’ illi tigi konsenjata magna tal-gelati tal-marka specifikata ‘sabiex jippruvaha’ u ‘ Jekk sa perjodu ta’ tlett xhur ……. Din il-magna ma kienitx toghgbu, hu kellu jaghtiehilna lura’.  Dwar dan il-punt ix-xhud esebixxa il-ftehim bil-miktub kif jidher mill-iskrittura datata il-15 ta’ Dicembru 2001 annessa mal-atti ‘in fotocopia’ a fol 15. Fl-ahhar taghha jinghad testwalment ‘The above-mentioned unit (is) to be withdrawn and delivered back ta’ A. Gatt Trading Ltd by Summit Catering Ltd on the 15/3/2002 and in good condition otherwise a Hire-Purchase Agreement shall be followed after the 15/3/2002 at a price of

Lm3,480.00 …..”. Ix-xhud kompla biex jghid illi sal-15 ta’ Marzu 2002, il-magna in kwistjoni ma kienetx giet ritornata lura lis-socjeta attrici u, filfatt, Claudio Tallarini kien telefonikament informah illi l-istess magna kienet ser tinzamm minnu izda, avolja kien ipprova jaghmel l-imsemmi ‘hire-purchase agreement’ l-istess Tallarini kien dejjem jaghtih skusa sabiex ma jsirx. Ghalhekk kien intalab il-pagament tal-prezz tal-magna in vista li din ma kienitx giet ritornata u l-imsemmi ‘hire-purchase agreement’ ma kienx jammonta ghal ‘resolutive condition’ izda ‘simply a method of payment’ (ara fol 18 kif ukoll fol 20 ibid).

Ikkunsidrat

Illi gie prodott mis-socjeta konvenuta l-istess Claudio Tallarini (fol 24 et seq ibid) u dan sostna illi, wara li kienet saritlu proposta minn Renato Attard dwar jekk kienx hemm bzonn ta’ magna bhala dik involuta f’dan il-kaz, lir-‘restaurant’ imsemmi ix-xhud kien qal lill-istess Attard illi ma kienx hemm bzonn ta’ magna ta’ dak it-tip u illi huma kienx addett fit-taqsima tax-xiri tal-istess stabbilment. Difatti, kien hemm htiega ta’ negozjati ulterjuri mad-diretturi tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk gie propost lilu illi il-magna in kwistjoni tithalla max-xhud bhala prova minghajr hlas u sa dan il-punt minghajr ebda tip ta’ ftehim anke bil-miktub. Izda wara li skadew xi tlett xhur u wara li kien gie informat mis-superjuri tieghu illi is-socjeta konvenuta ma kellhiex il-mezzi finanzjarji, sabiex takkwista l-magna in kwistjoni, hu kien ghamel finalment kuntatt ma’ Renato Attard u kien informah illi l-magna kienet ser tigi ritornata lura minn impjegati addetti ma sigurta tal-istess stabbilment. Izda dan ma kienx sehh minhabba li ma kienx instab hadd fl-istabbilment tas-socjeta attrici. Sussegwentement, Renato Attard kien ippresentalu zewg dokumenti bil-lingwa Ingliza u kien qal lix-xhud li dawn kienu necessarji sabiex il-magna tigi ritornata. Ghalhekk u ‘in bona fede’ hu kien iffirma l-istess dokumenti bil-patt illi impjegati tal-istess ‘restaurant’ ossija ‘casino’ kellhom jirritornawha.

Dwar id-dokument gja msemmi u li jinsab a fol 15 tal-atti, x-xhud gharfu bhala dak li kien iffirma, kif ghadu kemm gie spjegat "… per cosi il Signor Renato Attard poteva prendere indietro la sua macchina …" In rigward dan, ix-xhud issottolinea illi hu ma tantx hu midhla tal-lingwa Ingliza.

Illi gew prodotti diversi xhieda mis-socjeta konvenuta sabiex jigi pruvat illi kienu saru tentattivi sabiex l-istess magna tigi ritornata lis-socjeta attrici izda dawn sfaw fix-xejn ghar-raguni indikata fl-istess xhieda (ara fol 29, 32 u 35 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi in esami, jidher mill-premess illi l-magna in kwistjoni kienet giet konsenjata lil Claudio Tallarini bhala prova gratwita u f'kaz illi din ma kienetx ritornata lura lis-socjeta attrici fil-15 ta' Marzu 2002 u f'kundizzjoni tajba, 'a Hire Purchase Agreement shall be followed … at a price of Lm3,480.00 …' Dwar dan is-socjeta konvenuta issostni illi dan li ghadu kemm inghad jammonta ghal '<u>resolutive condition</u>' fis-sens illi l-obbligazzjoni kienet soggetta illi jsir tali ftehim bejn il-partijiet. Din il-kondizzjoni hi definita fl-artikolu 1066 tal-Kodici Civili bhala dik li "…. On being accomlished, operates the dissolution of the obligation' u l-Qorti tara li dan it-tip ta' kondizzjoni ma hux applikabbli ghal kaz in desamina. Pero' din il-klawsola tista' tigi konsiderata bhala '<u>a suspensive condition</u>' kif definita fl-artikolu 1063 tal-Kodici Civili fejn jinghad illi din hi kondizzjoni '… that makes the existence of the obligation depend upon a future and uncertain event'' f'dan il-kaz il-ftehim ta' 'hire purchase' imsemmi. In vista li dan qatt ma sar, mill-partijiet involuti f'dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma illi f'dan il-kaz l-obligazzjoni ossija l-bejgh ma sehhx minhabba li l-imsemmi ftehim qatt ma sar.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad ulterjorment illi jidher fuq basi ta' probabilita li s-socjeta' konvenuta <u>ipprovat</u> taghti lura l-

magna lis-socjeta attrici, avolja f'data li ma gietx determinata u dan minhabba dak specifikat fix-xhieda ta' Claudio Tallarini.

Illi, dan premess, il-Qorti thoss li ma hemmx il-htiega li tara jekk filfatt, Claudio Tallarini setax o meno jobbliga lis-socjeta attrici illi takkwista l-istess magna jew jekk, filfatt, il-fatti svolgew ruhhom skond kif indikat fix-xhieda ta' dan.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza u talbet it-thassir taghha. B' aggravju ewlieni hi tissottometti illi l-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed ta' bejgh u l-*hire purchase agreement*, intiz bl-iskrittura tal-15 ta' Dicembru 2001, ma kellux jigi interpretat hlief bhala modulu ta' kif kellu jigi effettwat il-hlas tal-magna. *Ergo*, irragunat, illi l-ftehim ma kienx wiehed suggett ghall-kondizzjoni sospensiva, ghaliex il-bejgh skatta hekk kif is-socjeta` konvenuta, ossija Claudio Tallarini, informaha li ser izomm il-magna;

Mill-provi processwali attendibbli huwa bil-wisq evidenti illi l-versjoni ta' Renato Attard, rapprezentant tas-socjeta` attrici appellanti, u dik ta' l-imsemmi Claudio Tallarini, executive chef tar-restaurant gestit mis-socjeta` konvenuta appellata, ma jikkoincidux, hlief u ad eccezzjoni tal-fatt uniku illi l-magna thalliet jew giet konsenjata ghal perijodu taz-zmien preskritt fil-precitata skrittura "*in uso gratuito come dimostrazione*", skond Tallarini, u biex jara jekk kienetx toghgbu, skond Renato Attard. Mill-bqija, jekk wiehed kellu joqghod fuq ix-xhieda ta' l-imsemmi Tallarini (fol. 24) hemm hafna x' jinghad. Dan riferibilment ghall-mod kif gie konkjuz il-ftehim tal-15 ta' Dicembru 2001 (kopja esebita a fol. 15), in-nuqqas ta'

spjegazzjoni tal-kontenut ta' l-iskrittura bil-lingwa kapibbli minn dan ix-xhud, iz-zmien ta' meta giet apportata l-firma tieghu fuqha, in-nuqqas ta' konsenja ta' kopja ta' l-istess skrittura lilu, it-tentattivi ta' komunikazzjoni ghal skop ta' rikonsenja tal-magna u r-rifjut ta' Attard jew in-nuqqas ta' ko-operazzjoni minn dan biex jiehu lura l-magna. Dan biex ma jinghadx, imbaghad, li, dejjem, skond l-istess Tallarini, huwa ma kellu ebda awtorita` biex jidhol f' relazzjonijiet negozjali ghan-nom tal-kumpanija konvenuta. Fatt dan li donnu hu rikonoxxut ukoll minn Renato Attard fejn dan ighid li hu stess ipprova jikkuntattja mad-diretturi ta' din is-socjeta`, izda minghajr success (fol. 23). Dan igib allura illi, anke jekk il-ftehim kellu jigi ritenut validu, huwa dubitat, imbaghad, kemm jista' jitqies vinkolanti b' mod li jinghad li l-firma ta' Tallarini fuq l-iskrittura kienet tikkomprometti lis-socjeta` konvenuta b' mod obbligatorju versu s-socjeta` appellanti;

L-ewwel Qorti jidher li accennat ghal riljiev bhal dan fil-korp tas-sentenza. B' danakollu hi dehrilha li setghet tiddetermina l-kwestjoni fuq l-interpretazzjoni taghha ta' l-iskrittura. Interpretazzjoni din kritikata mis-socjeta` appellanti bl-appell minnha issa introdott fil-kontestazzjoni ta' dik is-sentenza. Jinkombi allura fuq din il-Qorti li tevalwa jekk is-sentenza hijiex adegwatament motivata u sew sorretta b' dawk il-principji legali li jghoddu ghal kaz;

Jibda biex jigi replikat b' introduzzjoni preliminari illi skond gurisprudenza pacifika "l-essenza u n-natura ta' kuntratt ghandha tigi dezunta pjuttost mill-kontenut tal-kuntratt anzikke mill-enuncjativa jew *nomen juris* li l-partijiet jaghtu lill-ftehim ta' bejniethom; u ghal dan il-fini hemm bzonn li tigi penetrata l-intenzjoni tal-partijiet li kkonkludew dak il-ftehim" (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 217**; **Vol. XII p 348** u "**Lawrence Xuereb *nomine* -vs- Ray Oates *et***", Appell Civili, 15 ta' Gunju 1988, fost ohrajn);

B' applikazzjoni ta' din l-enuncjazzjoni, anke kieku wiehed kellu jqieghed fil-genb ir-rilevanzi maghmula aktar 'il fuq,

jokkorri li jigi ezaminat ix-xorta ta' ftehim raggunt f' dan il-kaz bl-iskrittura tal-15 ta' Dicembru 2001;

Wiehed necessarjament irid jitlaq mill-punt tad-definizzjoni ta' kuntratt ta' vendita li maghha applijat, b' sostenn ghall-aggravju taghha, is-socjeta` appellanti. Mill-provvedimenti varji statwiti fl-istitut tal-bejgh taht il-Kodici Civili taghna (Artikolu 1346 *et sequitur*) jemani li l-bejgh hu kuntratt konsenswali b' effett traslattiv, li jista' jkun immedjat u konsegwenti ghas-semplici kunsens, jew differit u dipendenti fuq xi event ulterjuri. Ad ezempju, l-ispecifikazzjoni tal-*genus* (ara **Kollez. Vol. XXV P I p 982**), il-bejgh ta' oggetti li ghandhom jigu pezati, enumerati jew mizurati (Artikolu 1348; **Kollez. Vol. XXXII P III p 522**), il-pagament tal-prezz intier fl-ipotesi ta' vendita "*pactum rizervati domini*" ("**Noel Gruppetta *nomine* -vs- Joseph Florian**", Appell Civili, 29 ta' Jannar 1980) u l-bejgh suggett ghall-kundizzjoni sospensiva bl-inseriment ta' pattijiet jew klawsoli specifici, *ad exemplum* il-patt *salvo vista* (ara **Kollez. Vol. XX P I p 134**);

Isegwi minn dan illi wiehed ghaldaqstant jrid jara jekk fil-kaz partikulari jitrattax minn vendita vera u proprja jew minn xi ftehim preliminari fejn kien allura mistenni l-manifestazzjoni ulterjuri tal-volonta` tal-partijiet jew ta' xi hadd fosthom, jew ukoll, il-kompiment ta' negozju guridiku successiv; ad ezempju, il-kuntratt definittiv ta' bejgh bil-*hire purchase*. Logikament, dan il-ftehim preliminari ma jista' jkollu ebda effett reali ghax altrimenti jkun hu stess ftehim definittiv;

Dan premess, ghall-fini ta' l-indagini diretta biex tigi individwata n-natura definittiva jew preliminari tal-ftehim, ghal liema hi determinanti l-volonta` tal-partijiet, jokkorri li l-Qorti tezamina l-kontenut fis-sens logiku u fil-kumpless tieghu. Importanti pero` li jinghad mill-bidunett illi l-gudizzju li bih jigi accertat il-mument li fih jigi ritenut perfezzjonat il-process produttiv ta' l-effett traslattiv ma

jiddependix mill-mera volonta` tal-venditur imma mill-apprezzament oggettiv tal-fatti probatorji;

Fuq ir-rikostruzzjoni u interpretazzjoni taghha tal-provi attinenti ghall-ftehim f' dan il-kaz, hi l-fehma tal-Qorti illi l-magna ghaddiet fil-pussess ta' Claudio Tallarini suggetta ghar-rizerva ta' prova. Prova din li ma kienetx strettament allaccjata ma' xi accertament tekniku dwar l-idonejeta u l-addattabilita` taghha ghall-uzu daqskemm ghall-kontroll tal-gradiment taghha mill-istess Tallarini. Gradiment dan ta' karattru diskrezzjonali assolut u mhux dipendenti minn ebda valutazzjoni ohra. L-importanti hu li l-manifestazzjoni dwarha, pozittiv jew negattiv, tigi komunikata lil kontraent l-iehor, fit-terminu utli prestabbilit fl-iskrittura;

Ftehim b' patt bhal dak appena spjegat seta' allura jipperfezzjona ruhu b' effett *ex nunc* malli Tallarini jikkomunika l-opzjoni tieghu li ser izomm il-magna. Ghas-socjeta` appellanti hekk tippretendi li sehh fuq ix-xhieda tar-rapprezentant taghha Renato Attard u ghalhekk hi tikkontendi li l-ftehim ta' bejgh gie perfezzjonat b' effett tal-gheluq tal-perijodu preskrittiv tal-prova fil-15 ta' Marzu 2002. Hi allura tikkontendi li s-socjeta` konvenuta nkorriet fir-responsabilita` ghall-hlas tal-prezz patwit billi, ukoll, taddebita lill-istess socjeta` appellata inosservanza ingustifikata tal-procediment formattiv tal-kuntratt ta' *hire purchase* u li hi, *del resto*, tqis il-kundizzjoni dwaru bhala semplici modalita` ta' kif kellu jigi effettwat il-hlas;

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, fuq il-provi attendibbli, il-fatti ma jiggustifikawx la l-versjoni provvduta mis-socjeta` appellanti u lanqas is-sottomissjoni taghha dwar l-argoment legali. Ibda biex mill-proponderanza u verosimiljanza tal-provi l-Qorti ssib li hi aktar accettabbli l-versjoni ta' Claudio Tallarini illi hu, wara konsult mad-diretturi tas-socjeta` konvenuta, informa lil Renato Attard li ma kienx ser izomm il-magna u fil-fatt inghatat ezekuzzjoni ghal din id-decizjoni billi baghat impjegati tas-

socjeta` biex jirrikonsenjawha. Ara xhieda ta' Emanuel Casha (fol. 29), Joseph Galea (fol. 32) u Kenneth Muscat (fol. 35). Minn dan huwa desumibbli illi ma kienx hemm fl-intenzjoni ta' Tallarini dak l-"*animus rem sibi habendi*" fir-rigward tal-magna u dak li fosi hu aktar importanti din l-intenzjoni giet komunikata lir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti u, manifestata wkoll, bit-tentattiv minnu tar-radd lura taghha. F' dawn ic-cirkustanzi s-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi ezekuzzjoni forzata tal-ftehim in forma specifika;

Din il-Qorti, imbaghad, ma tikkondividix l-argoment tas-socjeta` appellanti illi l-kuntratt ta' *hire purchase* prevvist mill-iskrittura kien hekk indikat bhala semplici modulu ta' kif kellu jsir il-hlas tal-magna. Pjuttost, dak il-kuntratt kien hekk marbut li jservi bhala negozju guridiku successiv u definittiv ghall-espressjoni tal-volonta ta' Tallarini li hu ser izomm il-magna u b' hekk jaghti ezekuzzjoni lill-att dwar il-prova tal-gradiment. Patt dan, li, kif sewwa rragunat l-ewwel Qorti, jivvesti fih l-ingredjenti ta' dik il-kundizzjoni sospensiva mfissra fl-Artikolu 1063 (1) tal-Kodici Civili;

In vista tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, ta' fatt u ta' dritt, din il-Qorti ssib li l-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti hi sottratta ghac-censura taghha fuq il-punt kontestat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------